**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Mark Anthony Ferris**

Illum 24 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mark Anthony Ferris, imwieled H'Attard nhar il-10 ta' April 1972, iben Anton u Maria Dolores xebba Pizzuto residenti 172, Flt 1, Triq il-Belt Valletta, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita' numru 247272(M):

Talli f'xi hin nhar il-09 ta' Gunju 2014 f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jtellef il-gieh ta' Mark Cesare, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, liema ingurji kienu mxandrin jew esposti fil-pubbliku.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li ngurja lil Mark Cesare billi ppostja clip fuq facebook bit-titlu *"Police Officer caught having sex with cheerleader"* (liema video m'ghandux x'jaqsam ma' Cesare) u l-allegazzjoni hija li

l-imputat halla post fejn qal *"mela mhux PC 1441 biss jamel dawn laffarijiet lol"*.

Il-kwerelant li ghandu n-numru tas-servizz PC 1441 mar jaghmel rapport fid-9 ta' Gunju 2014 ghand l-ufficjal prosekutur li min-naha tieghu tah struzzjonijiet biex jibqa' sejjer jaghmel rapport fl-ghassa tal-Imsida. Il-kwerelant mar jaghmel tali rapport fil-11 ta' Gunju 2014. L-ufficjal prosekutur jixhed li huwa baghat ghall-imputat fl-10 ta' Gunju 2014 u l-imputat fil-presenza ta' PS778 David Sant qalilhom li kien kiteb il-kumment apposta ghaliex l-oggettiv tieghu kien li jtella' lil Mark Cesare l-Qorti u jikxef dak li kien jaghmel. Meta izda ttiehditlu l-istqarrija l-imputat ma wegibx ghad-domandi.

Il-kwerelant xehed li huwa kien gie infurmat li l-imputat kiteb post fejn kien issemma huwa u meta ghamel il-verifiki tieghu ra l-istess post. Inkwantu ghal Dok JR[1] ezebit in atti jixhed li dan huwa screen shot tal-mowbajl li ha dak il-hin u dak il-post rah minn fuq is-sit tal-facebook. Huwa hassu malafamat billi huwa kuntistabbli tal-pulizija. u huwa jichad li qatt ghamel xi haga bhal dak li jirrizulta mill-video. Huwa jixhed li jaf lill-imputat billi ilu snin f'relazzjoni mal-mara li maghha kien mizzewweg l-imputat.

Illi l-imputat jinsab akkuzat taht l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9 jipprovdu:

*"***252.** *(1) Kull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iweggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jeħel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*

*(3) Jekk l-ingurja ssir b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-hati jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena."*

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Vella** deciza fit-30 ta'April 2001 jinghad:

[1] A fol 15 tal-process

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ('with the object of destroying or damaging the reputation of any person', fit-test Ingliz). .."*

Illi jrid jigi rilevat li mid-dokument ezebit ossija JR li fuqu l-prosekuzzjoni ibbazat il-kaz taghha la hemm indikazzjoni ta' data meta l-istess kumment gie ppostjat meta l-imputazzjoni tirreferi ghal gurnata specifika. Il-fatt li l-kwerelant jixhed li ra l-*post* fid-9 ta' Gunju 2014 ma jfissirx u ma giex ippruvat li nkiteb dakinhar. Inoltre' ma ngabitx prova li effettivament il-*post* ittellghet u saret bla ebda dubju dettat mir-raguni mill-istess imputat. Id-dokument ezebit huwa biss screen shot. Infatti ma tressaq l-ebda xhud mis-*cybercrime unit* sabiex jixhed dwar jekk l-*ip address* jew il-*facebook account* hux registrat f'isem l-imputat. Kwindi huwa zgur li ma ngabitx l-ahjar prova. Ukoll lanqas ma ngabet prova li dan il-kumment gie kkomunikat lil xi terza persuna. Inoltre' jigi rilevat li l-ufficjal prosekutur u kif ukoll PS 778 xehdu li *off the record* l-imputat ammetta maghhom li kien huwa li kiteb il-kumment. Li ma ntqalx izda jekk l-imputat f'dak il-mument kienx inghata d-dritt tieghu li kellu jedd ghal parir legali u kif ukoll li dak li kien se jghid jista' jintuza' kontrih waqt dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnha.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat